## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 693/2020

**Il-Pulizja**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Stacy Attard)**

**Vs**

**-Omissis-**

**Mahmud Isara (Isak)**

Seduta tal-24 ta' Gunju, 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra *ommisis* u l-appellat Mahmud Isara (Isak), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, talli:

1. Nhar it-13 t'Awwissu 2020, ghall-habta ta' bejn l-00:00hrs u 01:00hrs ta' filghodu gewwa Triq Derby, Marsa ikkommettew serq t'oggetti u dokumenti minn fuq il-persuna ta' Keita Fako liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-

hin skond Artikoli 261 (a)(f), 262 (1)(a)(b), 270, 275, 277(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarrestaw lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Keita Fako kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejjgu; Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Nhar it-13 t'Awwissu 2020 bejn l-00:00hrs u 01:00hrs ta' filghodu gewwa Triq Belt il-Hazna, Marsa bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn fuq il-persuna ta' Kefali Kibreab Elias liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin skond l-Artikoli 41 (1) (a), 261 (a)(f), 262(1)(a)(b), 270, 275, 277(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Kefali Kibreab Elias kontra l-volonta tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun imgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta hwejjgu skond Artikolu 86, 87(1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lill-*omissis* wahdu:

1. Nhar it-13 t'Awwissu 2020, bejn l-00:00hrs u l-01:00hrs ta' filghodu gewwa Triq Belt il-Hazna, Marsa minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car,

ikkaguna offiza fil-gisem ta' Kefali Kibreab Elias bi strument li jaqta' jew iniggez liema offiza hija ta' natura gravi hekk kif certifikata minn Dr.Elaine Buttigieg detentrici tan-numru mediku 4387 skond Artikoli 214, 216(b), 217, 218(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija Artikoli 51(7) ; 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas tal-ispejjez skond l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u tapplika ukoll l-artikoli 383 sa 385 u 412C tal-istess Kodici ghas-sigurta' tal-persuni msemmija;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-imputat Mahmud Isara (K/A Issak) hati u kkundannatu kumplessivament ghall-sentejn prigunerija illi minnhom kellu jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat gia' skonta f'arrest preventiv. Inoltre ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artiklu 412C tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur tal-vittmi Keita Fako u Kefali Kibreab Elias ghal zmien sena li bdiet tiddekorri wara li l-hati jiskonta s-sentenza tieghu;

In oltre bl-applikazzjoni tal-Artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija vittmi, rabtet lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu

taht penali ta' hames mitt ewro (€500) u dan ghal zmien sena li tibda tiddekorri wara li l-hati jiskonta s-sentenza tieghu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentant fir-registru ta' din il-Qorti tas-26 ta' Frar 2021, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** is-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih, u tirrevokaha u **thassarha** f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Mahmud Isara k/a Issak ghal sentenza ta' prigunerija ta' sentejn, u **minflok** tinfliggi l-piena skond il-perametri tal-ligi;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat prezentata mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti kollha:

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell mressaq mill-Avukat Generali limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravam illi l-piena hekk kominata mhix tax-xorta u fil-kwalita' li trid il-ligi stante li hija anqas minn dik li kellha tkun kominata;

2. L-appellat kien tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja flimkien ma' imputat iehor u jirrizulta illi fil-mori tal-kumpilazzjoni, l-imputat appellat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ghalhekk fit-termini tal-artikolu 293A tal-Kodici Kriminali l-Qorti Istruttorja ghaddiet biex tipprolata sentenza kontra l-appellat bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

3. Qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravji mressqa mill-Avukat Generali, din il-Qorti qieghda *marte proprio* tosserva illi s-sentenza appellata tista' tkun nulla ghar-raguni li ser issegwi. Minkejja li l-imputat appellat tressaq flimkien ma' *omissis*, huwa kellu jwiegeb ghall-ewwel erba' imputazzjonijet filwaqt illi *omissis* kellu jwiegeb ghall-dawk l-istess imputazzjonijiet u <u>wahdu</u> ghal zewg iputazzjonijiet ohra. Gara, izda, illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha, allura inkluzi dawk dedotti kontra omissis;

4. L-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Minkejja dan, fil-parti introduttorja tas-sentenza, meta indikat il-fatti tal-kaz u kif inhu palezament akkolt, ir-riproduzzjoni tac-*charge sheet* jissodisfa l-obbligu emergenti mill-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, l-ewwel Qorti rrapurtat il-fatti b'mod zbaljat. Dan ghaliex indikat l-imputazzjonijiet kollha, igifieri is-sitta li huma, bhala dedotti kontra z-zewg imputati meta kif gia senjalat *supra* l-appellat kien imputat biss b'erba' fatti filwaqt li *omissis* wahdu kien imputat bis-sitt fatti. Meta allura l-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu sabitu hati ta' zewg imputazzjonijiet li ma kienux applikabbli ghalih. Tant hu hekk illi fil-parti decizorja u in adempjenza tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, indikat l-artikolu tal-ligi mhux biss li kellhom japplikaw fis-sejbien ta' htija tieghu izda ukoll dawk li japplikaw fil-konfront tas-sitt imputazzjonijiet;

5. Illi rizultat ta' dan, li kieku s-sentenza ghaddiet in gudikat fl-assenza ta' appell, il-fedina penali tal-imputat

kienet bil-fors ikollha takkludi sejbien ta' htija ta' fatti li ma kienx imputat bihom u li huma ta' natura serja;

6. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, dan kollu jgib mieghu in-nullita' tas-sentenza appellata ghaliex hi karenti fl-osservanza ta' formalita' essenzjali bi ksur tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

7. Illi ghalhekk qed tiddikjara s-sentenza nulla u bla effett kawza ta' nuqqas ta' formalita' essenzjali. Issa wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, ghad li jinkombi issa lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi l-kaz hi, jidrilha illi n-nullita' hija wahda tali li timporta aktar milli ksur ta' formalita' essenzjali stante illi instabet htija ta' imputazzjonijiet inezistenti kontra l-imputat appellat;

8. Ghalhekk, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji tal-appellant, tordna li l-atti jkunu rimessi lill-ewwel Qorti sabiex taghti dik is-sentenza kontra l-imputat skond il-ligi wara l-ammissjoni tieghu;

9. Tordna li l-appellat jkun rimess fl-istess posizzjoni li kien qabel ma inghata s-sentenza mill-ewwel Qorti.

10. Tordna li kopja tas-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qorti.